**9 ta' Diċembru, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Richard Vincenti Kind pro et noe

*versus*

Anthony Camilleri, O.B.E., noe.

**Dazju — Valutazzjoni — Karozza "second hand" — Użu — Art. 5 u 16, Import and Export Duties Ordinance (Kap. 122) — Art. 3, Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Permezz ta' atti ripetuti minn żewġ kontraenti għal żmien rilevanti, b'mod li l-partijiet, anke jekk ma jtehmux, jippresumu l-istess ftehim dwar dak illi huma soltu jsir, jinħoloq użu li jorbot il-volontà tal-kontraenti, anke jekk ma teżistix dik il-prattika abitwali li ġeneralment hija liġi osservata in forza tal-liġi*

*Sabiex jinħoloq użu tali jridu jirrikorru dawn iż-żewġ rekwiżiti:*

*(i) l-użu irid jiġi osservat b'mod uniformi għal ċertu tul ta' żmien; u (ii) l-użu irid jiġi osservat bħala regola ta' liġi viġenti, u, għalhekk, bil-konvinzjoni illi ma jistax jiġi vjolat impunement.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur proprio et nomine talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni; billi l-attur proprio et nomine importa ġo Malta karozza Mercedes Benz tip 190D li kien xtara u rtira personalment mill-fabbrika fi Stuttgart il-Ġermanja fid-dsatax (19) ta' Novembru, 1962, bil-prezz ta' tmien mija u erbatax-il lira (£814) kif jidher mid-dokument "A" anness maċ-ċitazzjoni liema karozza meta ġiet importata

f'Malta kienet għamlet elf u tliet mija erbgħa u għoxrin mil (1324); u billi l-konvenut nomine, għall-iskop ta' ħlas ta' dazju ma qagħadx fuq il-valutazzjoni tal-espert tiegħu, u arbitrarjament ivvaluta l-karozza, bħala użata fis-somma ta' seba' mija u ħamsin lira (£750) u l-attur kellu jħallas, iżda taħt protesta, erbgħa mija u ħames liri (£405) bħala dazju biex jirtiraha; u billi dik il-valutazzjoni magħmula mill-konvenut nomine hija esaġerata kif jidher ukoll anki minn ta' karozza simili; — jiġi fissat minn din il-Qorti — jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominandi, il-valur ġust u reali tal-imsemmija karozza mportata mill-attur fl-erbgħa ta' Diċembru, 1962, kif jirriżulta mill-"entry form" (Dok. B) unità maċ-ċitazzjoni billi l-istess konvenut jiġi kundannat jirrifondi u jirrestitwixxi lill-attur dik is-somma li tirriżulta li huwa ħallas żejjed, iġifieri aktar minn dak li kien realment dovut, bħala dazju għall-importazzjoni tal-imsemmija karozza; bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-protest tal-5 ta' Diċembru, 1962, u bl-imgħaxijiet legali minn notifika tal-istess protest.

Omissis.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha jgħid illi l-kwistjoni hija regolata mid-dispożizzjonijiet relativi li jistabilixxi d-dazju li għandu jitħallas f'simili importazzjoni u preċiżmanet l-artikoli 5 u 16 ta' l-Import and Export Duties Ordinance (Chap. 122); illi fil-fatt id-dazju impost f'dan il-każ huwa inqas minn dak stabilit mil-liġi peress illi bħala konċessjoni amministrattiva il-car in kwistjoni ġiet stmata mill-konvenut seba' mija u ħamsin lira (£750) biss peress illi kienet laħqet għamlet approssimativament elf tliet mija u erbgħa u għoxrin (1,324) mil wara li nxtrat mill-attur; għalhekk id-domanda attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

Omissis.

Ikkunsidrat:

L l-konvenut nomine jirritjeni li l-kwistjoni indisamina hija regolata mid-dispożizzjonijiet relativi tal-Import and Export Duties Ordinance (Kap. 122), u preċiżament mill-artikoli 5 u 16 tal-istess liġi.

Li, għandu mill-ewwel jiġi rilevat li d-dispożizzjoni talimsemmija artikoli ma kienitx tiġi osservata mill-konvenut, minn żmien qabel l-importazzjoni tal-karozza in kwistjoni, għaliex kien qiegħed jiġi adottat sistema ieħor dwar karozzi *wżati li kienu jidħlu għal biex ikunu liċenzjati għall-użu lokali.* Infatti, Henry Bellizzi, li xehed għall-konvenut qal li l-proċedura kienet ordinarjament li meta jidħlu karozzi wżati d-Dwanier iqabbad espert li kien jiffissa l-valur tal-karozza wara li jkun ħa in konsiderazzjoni l-istat tagħha kif użata. "Dana l-użu", ikompli x-xhud Bellizzi — "ilu sejjer snin (fol. 22)". *Irriżulta, ukoll, li Robert Butler kien l-istimatur uffiċjali tal*-kovenut nomine, almenu mis-sena 1955. Huwa, inoltri, sintomatiku li mill-provi tal-konvenut irriżulta li l-kriterju li fuqu bbaża ruħu d-Dwanier biex jasal għall-valutazzjoni tal-karozza tal-attur, "proprjament ma irrikavahx mil-liġi"; u li f'dana l-każ, josserva x-xhud Bellizzi "sa fejn naf jiena d-Dipartiment ma *ikkonsulta* ruħu ma *ebda espert biex jiffermalu dana* l-kriterju fuq karozzi, però, ippruvajna insegwu dak li jsir l-Ingilterra fuq karozzi simili" (fol. 44 u 45).

Li, imbagħad, mix-xhieda ta' Robert Butler, jirriżulta in kontrastabilment, li bejnu u d-Dwanier kien sar akkordju ta' kif kellhom jiġu stmati għal fini tad-dazju karozzi bħal dik tat-tip tal-attur, u ċioè minn £460 sa £465, meta jidħlu Malta second hand, iġifieri użati. Fil-fatt, irriżulta li huwa stima dina l-karozza £450, għaliex kienet damet xi tlett xhur fuq il-kontinent u kienet għamlet ħafna mili.

Li, inoltri, dana l-użu li d-Dwanier joqgħod fuq l-espert stimatur, imqabbad minnu, barra milli kien ilu pprevali ħafna żmien fost l-importaturi tal-karozzi lokali, kellu fondament

razzjonali, approvat u esegwit mill-istess konvenut nomine fuq l-iskorta tal-kriterji deposti mill-istess Robert Butler fixxhieda minnu mogħtija fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 1964. Dawna l-kriterji kienu qegħdin jiġu applikati mill-konvenut nomine b'ċerta uniformità sas-sena 1962 u preċiżament sażżmien li daħlet Malta l-karozza tal-attur.

Li, però, anki f'dana ż-żmien karozza tal-istess tip bħal dik in kwistjoni, li ġiet importata minn J. Said fid-9 ta' Novembru, 1962 ġiet stmata għal fini tad-dazju, bħala użata, £465, u irriżulta li kienet għamlet xi sitt mitt (600) mil aktar minn dik in kwistjoni.

Li, mid-dokumenti esibiti mill-konvenut nomine a fols. 24 sa 38 jemerġi li dana l-użu kien qiegħed jiġi adottat għal kull tip ta' karozza użata li kienet tidħol Malta, u li l-valutazzjoni relativa kienet toxilla in proporzjon tal-cost tagħha u talmiliaġ li tkun għamlet l-istess karozza sakemm tasal Malta.

Li mill-korrispondenza esibita mill-konvenut dina l-Qorti tħoss li ma tista' tirrikava ebda argument favur il-prentenżjoni tal-konvenut, qabel xejn għaliex is-sistema esiġenzjali tad-Dwana Ingliża, ma jistax jiġi applikat għalina, billi hawn Malta ma teżistix il-purchase tax li tinfluwixxi direttament u sostanzjalment fuq il-prezz tal-karozza; inoltri d-dazju Ingliż anqas ma jaqbel ma' dak lokali in riferenza għall-karozzi importati mill-Kontinent (Dok. BB fol. 48).

Li, però, dwar il-kriterji adottati mid-Dwanier Ingliż f'materja ta' valutazzjoni ta' karozzi importati seconda mano, użati, wieħed jista' jifforma xi opinjoni mit-telegrammi relativi esibiti a fol. 67 u 69. Minn dawna d-dokumenti jidher li karozza bħal dak in kwistjoni li tkun għamlet madwar 1500 mili, (fol. 66) l-Ingilterra kienet tiġi stmata £575. Dina l-istima hija bażata fuq il-prezzijiet tas-suq Ingliż fejn a differenza tas-suq lokali hemm l-inċidenza tal-purchase tax li tinfluwixxi

markatament fuq il-proporzjon tal-istima.

Ikkunsidrat:

Li in vista tal-premess, *dina l-Qorti hija tal-fehma li bejn l-importatur ta' karozza u d-Dipartiment tad-Dwana nħoloq* użu ta' kif kellhom jiġu dazjati karozzi li jidħlu Malta seconda mano. Dana l-użu ilu jiġi prattikat paċifikament permezz ta' atti ripetuti għal żmien rilevanti, b'mod li l-partijiet (l-importatur u d-Dwanier), anki jekk ma ftehmux, jippresumi l-istess ftehim dwar dak li huwa soltu jsir. B'dana l-atteġġjament bilaterali jinħoloq użu, li jorbot il-volontà tal-kontraenti, anki jekk ma teżistix dik il-prattika abitwali li ġeneralment tiġi osservata in forza tal-liġi. Jgħid, apropositu Bolaffio "Gli usi contrattuali servendo ad interpretare la volontà dei contraenti, oscura *ed incompleta si applicano in quanto risulti* che le parti avevano rivolto ad essi la loro intenzione in modo espresso o tacito. Non occorre, quindi, che si tratti di vero uso, cioè di una pratica *giuridica abituale, osservata come legge. Basta che rap*presenti il modo abituale di contenersi dei contraenti nelle loro relazioni di affari" (Codice di Commercio Commentato, Vol. I, pag. 60). L-istess awtur jiddefinixxi dana l-użu: "Una pratica individuale, considerata come clausola sottintesa, basata sull'intenzione delle parti".

Li minn dina n-nozzjoni ġuridika tal-użu, il-Vivante jidderiva *żewġ rekwiżiti*; ċioè: "(a) l-uso deve essere osservato in modo uniforme per una certa durata; (b) e deve essere osservato come una regola di diritto vigente, e quindi con la convinzione che non si può impunemente violarlo". (Trattato di Diritto Commerciale, Vol. I, para. II(b), paġ. 51; Bianchi — *Diritto Civile, I, n.27,* 31; Windscheid para. 15; Forti, *Istituzioni, I, para 29).*

Li, kif ġa osservat il-Qorti, dawna r-rekwiżiti jirrikorru fil-każ in eżami, tant li l-konvenut nomine ippreddiliġa s-siste-

ma ġa fuq enunċjat, milli joqgħod għal-liġi, in kwantu dina l-aħħar ma kienitx tidher biżżejjed aġġornata biex tieħu in konsiderazzjoni l-impożizzjoni ta' dazju fuq importazzjoni ta' karozzi użati.

Li l-ġurisprudenza tat-tribunali tagħna segwit dawna l-prinċipji (Kollez. XXV, i, 1059; XXX, iii, 504), u issanzjonat il-prerogativa tal-Qorti li tapplika dak l-użu "senza occuparsi se la pratica seguita fra le parti è o no un uso generele"; u dana għaliex kif irriteniet il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża "Joseph Vassallo vs. Charles Vella" deċiża fil-25 ta' Novembru, 1954 — "għad-dispożizzjonijiet kontenuti fil-kodiċi, jipprevali anki l-użu kummerċjali, id-dritt konswedudinarju kummerċjali li huwa t-tieni parti tad-dritt kummerċjali wara l-liġi kummerċjali".

Li, għalkemm, strettament ma jistax jingħad li l-konvenut bil-fatt tal-esazzjoni tad-dazju qiegħed jagħmel operazzjoni kummerċjali, però, fil-konfront tal-attur, u ġeneralment tal-importaturi tal-karozzi, li huma kummerċjanti, dana l-użu jista' jiġi kwalifikat bħala konness direttament mal-kummerċ tagħhom, u għalhekk fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa jgħodd l-użu tal-kummerċ, kif introdott u pratikat mill-konvenut nomine in relazzjoni mal-imsemmija importaturi (art. 3 Kod. Kummerċjali).

Li kontra dana l-użu ma tistax, għalhekk tiġi inoltrata l-allegata konċessjoni amministrativa, li skond kif jirriżulta, bdiet tieħu aspett u direttivi ġodda, wara li l-karozza in kwistjoni waslet Malta, u fuqha ġie regolarment stabilit id-dazju skond in-normi tal-użu li kien ilu jipprevali minn qabel.

Ikkunsidrat:

Li, għalhekk, it-talba attriċi jistħoqqilha li tiġi milqugħa. Konsegwentement il-Qorti tgħaddi biex tistabilixxi l-valur tal-

karozza in kwistjoni in bażi għall-kriterji u d-dati li irriżultaw, *b'mod li tiddikjara li karozza ta' tip ta' dik in eżami, meħuda n* konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha, kompriż il-maximum tal-valur miftiehem bejn l-istimatur *Butler* u l-konvenut *nomine*, għal fini tad-dazju għandha tiġi stmata £465. Id-dazju viġenti fiż-żmien tal-importazzjoni tal-istess karozza kien ta' 54%, u għalhekk l-attur messu ħallas l-import relativ ta' £251.2.0 u mhux dak pretiż mill-konvenut ta' £405.0.0. Għalhekk l-attur huwa intitolat, *in linea* ta' rifusjoni, għas-somma ta' £153.18.0., li huwa ħallas żejda lill-konvenut taħt protest (Dok. B, fol. 6).

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-attur u tiddikjara li l-valur ġust *u reali* tal-karozza in kwistjoni huwa ta' £465, u *tikkundanna* lill-konvenut nomine jħallas u jirrifondi lill-attur issomma ta' £153.18.0, bl-imgħax legali *mid-data* tan-*notifika* tal-protest tal-5 ta' Diċembru, 1962. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut nomine.